# ...fil-ħmieġ ta' ftit blatiet...

Paul P. Borg

*Xi mkien fuq l-iskolli li hemm f'nofs ta' baħar hemm xagħri miftuħin beraħ kollha blat qadim u mkisser mill-gafef li jgħawru fih għall-bini ta' pedamenti bla rażan. Xi mkien hemm widien kollha gandotti tad-drenaġġ u toroq tal-qatran iswed jitfasslu fi ħdan il-wileġ tal-qamħ li darba kien idieheb l-inħawi bil-ħajja. Xi mkien hemm ukoll irdumijiet mimlija seħer u ħiemda imma mudlama u hemm lukandi jinbnew qalb il-blat iċċassat. Xi mkien fuq dawn l-iskolli bnew ukoll muntanja taż-żibel u ksewha bil-ġebel. Mad-dawra ta' dawn l-iskolli f'nofs ta' baħar hemm blat ippuntat, hemm sisien fid-dlam kollha sigrieti u kollha mewġ jissabbat magħhom jipprova jbiddlilhom surithom, biex l-iskolli forsi xi darba jitbiddlu, isiru xi ħaġa oħra, jirtabu, jitilfu l-qilla selvaġġa li ddakkru biha wara mijiet ta' snin ta' apatija, forsi xi darba jitnaddfu mill-ħmieġ li trabba fuqhom. Barra minn hekk, fuq dawn l-iskolli jseħħu ħwejjeġ strambi fil-ħolqien li mhux kulħadd jifhem l-għax u l-għaliex tagħhom. Xi mkien fuq dawn l-iskolli f'nofs ta' baħar hemm ħmieġ imxerred saħansitra fir-ruħ, ħmieġ ma' kullimkien, drenaġġ li jfur fir-ruħ tal-iskolli u ma jinxifx.*

*U ħadd għadu ma ntebaħ għaliex dal-gwaj kollu fuq dawk l-iskolli f'nofs ta' baħar...*

*Fil-lejl tal-5 ta' Settembru, 1992 smajt tindaqq sinfonija kerha. Kien lejl mudlam, riħ isfel u swied il-qalb liema bħalu. Biex nitbiegħed minn dik il-mewt li ħassejt dik il-lejla dħalt niġri nistkenn fil-masġar tal-kliem li b'xi mod soltu jwennisni, imqar għal ftit waqt biex infittex ħafna u ħafna tweġibiet. Din l-għanja ta' kliem ngħanniha ma' dawk kollha li fil-ħemda ta' ruħhom bkew u tbikkmu meta għexu l-istess tiġrib. Bħali staqsew għaliex. Bħali fittxew ħafna tweġibiet. Bħali, huma biss jafu dan kollu -*

*L-awtur.*

### *... flok fil-ħmieġ ta' ftit blatiet...*

***Mad-dawra*** baħar ħiemed. Jitliegħbu bla ħoss fil-wiċċ tal-mewġiet ċkejknin ċkejknin, hemm id-dwal tas-swar fid-daħla ta' Marsamxett, dawl isfar ħiemed ukoll. Mank ħoss ċkejken meta l-mewġ jasal sax-xatt u jintelaq bla ħoss mal-blat ċatt tal-liwja ta' Tignè. Fis-sema kewkbiet ħiemda. Lanqas ħoss ta' nifs wieħed. Lanqas raġġ żejjed mill-qamar nofs felli.

U lil hemm minn dan kollu, kif iddur mad-dawra tal-blat lil hemm mit-taraġ li jagħti għat-triq ta' fuq, hemm tnejn min-nies fi ħdan xulxin. Fis-sħana ta' xulxin. Nifishom jilheġ bla ħoss f'ta' xulxin. Nifishom itappnilhom għonqhom, itappnilhom is-sensi tal-bard u tal-ksieħ u jimliehom qilla, kilba mgħaddba għal xulxin. Qlubhom jitkellmu b'għajjat itarrax, għajjat selvaġġ, imgħaqqdin f'xulxin, mitlufin f'xulxin ma jafux la fejn jinsabu u lanqas min għaddej. Irwieħhom ma jistgħux jintgħażlu minn ta' xulxin, ruħ waħda, imħabba waħda, imħabba qawwija, ħamra nar, kollha misterji, ma tistax tinħall, dirgħajhom iggranfati ma jafux aktar li jinsabu f'dinja tal-ħajjin.

Imbagħad jgħaddi l-ħin. It-tnejn issa mexjin matul it-triq. Ebda kelma minn fommhom. Qlubhom u rwieħhom biss jitkellmu. Jiftiehmu biss bl-għafis ta' jdejhom imdaħħlin f'ta' xulxin.

"Ikollna t-tfal," jgħid bil-kwiet iż-żagħżugħ. Dirgħajh issa mdawrin sewwa magħha. Mara sabiħa hi. Mara mimlija qilla. Mara li ġġennu din it-tfajla tiegħu.

"Ikollna xi tifel imqareb bħalek..."

Iżżerżaq rasha fuq spalltu.

"Ikollna tifel. Ikollna tifla..." jitkellem aktarx waħdu. Joħlom waħdu.

Imbagħad idur lejha.

"Ikollna tifla bħalek!" jgħidilha waqt li jbusha. "Ikollna t-tfal bħalek! Kemm sa ndumu nistennew biex ikollna tifla bħalek?"

"Iva ara ġejjin in-nies..."

"U x'jimpurtani!" jgħajjat. "Inħobbok! Inħobbok!"

Kliemu jaħsad, jikser is-sikta tad-dlam. In-nies iħarsu.

Hi ddawwar wiċċha bil-mistħija.

"Madonna!" tgħid maħnuqa. "Alla qed iġennek? Imnalla d-dlam..."

Hu jerġa' jbusha. Jaqbeż madwarha bħal tifel żgħir jiġri fuq il-blat ippuntat ta' xatt il-baħar.

***Din*** hi bikja li ma rridx nibki aktar waħdi. Ma niflaħx nibkiha aktar waħdi. U għalhekk qed nitkellem dwarha. Riesqa sena ġdida u rrid naqsam dil-bikja ma' ħaddieħor bla naf sewwa sew għaliex... mhux għax jien qalbi ħażina u rrid indejjaq, lanqas għax iffittawni biex nitkellem dwar dak li għaddejna minnu jien u żewġi, imma forsi għax egoista u rrid nistrieħ. Barra minn hekk hemm ħafna mistoqsijiet fija li nixtieq xi darba nwieġeb, nixtieq ikolli tweġiba bħalma jixtiequ ħafna oħrajn bħali li jiġrilhom ħwejjeġ li ma jitfissrux kif ġieb u laħaq. Fuq kollox naf li hawn ħafna nisa bħali. Jien korrejt ħafna snin ilu, imma mbagħad bqajt ma ħriġt tqila qatt aktar.

Għaliex iħalli tant bnedmin jiċċarrtu 'l barra minn ġuf ommhom, qabel żmienhom, jagħsrulhom rashom bħal sponża jaħasra, demmhom jitqattar ftit ftit ġo fliskatur tal-istejnles stil ileqq? U fl-istess ħin lili jħallini nibki, nixtieq ikolli tarbija bħal ħaddieħor... Għaliex tant ħela ta' ħajjiet?

Għaliex hu nnifsu għażel li jitwieled meta ried hu u fejn ried hu, u kif ried hu, u minn min ried hu, u lil uliedi ma jridx iwellidhom, irid iħallihom imsakkrin għal dejjem f'eternità ta' xewqat biss?

Għaliex ma jħallix lili u lil żewġi ngħaqqdu kollha mħabba kromożomi ma' kromożomi ħalli jwelldu ħajja ġdida, sewwa sew bħalma ħalla lil ħaddieħor?

Għaliex lili qatilli l-unika tarbija li kien se jkolli snin sħaħ ilu u ma ħalliex ħajja oħra tinbeda fuq dawn il-blatiet f'nofs ta' baħar?

*__Sejrin__ inġibu tarbija minn barra.*
*Sejrin inwelldu t-tarbija tagħna.*
*Sejrin nagħżlu tarbija.*
*Sejrin naddottaw tarbija.*
*Kien sa jkolli tarbija Malta, imma korrejt fuq l-art maħmuġa tal-kċina...*

Ebda mara ma tagħżel wiċċ uliedha. Ebda mara ma tagħżel lewn għajnejn uliedha. Ebda raġel ma jagħżel iben. Ebda raġel ma jagħżel lil bintu. Kaxxa magħluqa, kienu jgħidulna, kaxxa magħluqa. Li jibgħat Alla merħba bih.

Kien riesaq il-Milied, xi snin ilu, qabel ma addottajna lit-tifla mill-Bulgarija.

Il-vjaġġ għall-Bulgarija kien twil. Fuq l-ajruplan ftit li xejn tkellimna jien u Ġużi. Jien waħħalt ħarsti 'l barra mit-tieqa ċkejkna u tonda ħdejja u qgħadt nara s-sħab għaddej donnu duħħan minn qribi sewwa.

F'moħħi taħwid ta' kant tal-Milied ta' ċkuniti. Kliem ma stajtx insib biex nitkellem ma' żewġi. F'moħħi kelli elf ħsieb. Elf taħwida. Serbut ulied u jien nagħżel iben. Jien u żewġi nagħżlu iben, jew nagħżlu bint.

Madonna, x'sa nsibu jilqagħna l-Bulgarija?

U xi mkien mistoħbija fija kien hemm bħal ħsibijiet koroh ta' ħtija kbira. Waqt li ħarsti 'l barra mit-tieqa aħna u nitbiegħdu minn Malta. B'xi mod kont qiegħda naħseb li jien kont ħtija ta' dan kollu. Kont jien li nqast lil żewġi. Kont jien li kont kissirtlu xewqatu li jsir missier. Kien irid isir missier. Kien irid bilfors li jkollu l-ulied. Biċċa minnu. Biċċa minnu ssir ġo fija. Tingħata l-laħam u l-għadam ġo fija. Il-ħolma ta' ħajjitna. Il-ħolma ta' ħajtu. Kemm konna noħolmu flimkien meta konna għadna għarajjes. Kien jiġġennen, jgħajjat quddiem kulħadd li jħobbni. Kemm konna naraw ulied sbieħ jiġru ma' saqajna, madwarna, jimlew ħajjitna, jikbru, isiru biċċa mill-ħolmiet tagħna. Il-bqija ta' ħajjitna. Il-kontinwazzjoni ta' ħajjitna. Il-ħoloq li jorbtuna mal-eternità. Hekk kien jgħidli Ġużi, u jien ma kontx inkun nista' nifhem xi jfisser dan dakinhar. Il-ħoloq mal-ġejjieni, mas-snin li ġejjin. Ma' sekli oħrajn. Il-kontribut tagħna lill-umanità. L-offerta umli tagħna biex ikun hawn aktar bnedmin fuq dawk l-iskolli f'nofs ta' baħar.

U jien ħarbattlu kollox. Jien ma kellix il-ħila ngħinu jwettaq dak li joħlom kull bniedem. Hekk inħossni, għalhekk inħoss din il-ħtija.

U kif kienet sa tkun din it-tarbija li sa jagħtuna? Kif kienet sa tkun ħarsitha u leħenha kif kien sa jkun? Kienet sa tikber f'xi ħadd twajjeb u qalbu tajba u ġwejjed? Kienet sa tkun tifla sabiħa? Kien ser ikun tifel imqareb? Tifel kwiet? X'ġejjieni kien sa jkollhom magħna? Xi jfisser ikollok tieħu ħsieb iktar nies id-dar? Xi jfisser ikollok issajjar l-ikel għal tarbija wkoll barra l-ikel tar-raġel? Kien sa jkolli ħila nlaħħaq ma' dan kollu? Kien sa jkolli ħila nagħmel dak kollu meħtieġ? Kien sa jkolli ħila nħobb lil dil-ħlejqa ġdida? Kien sa jkolli ħila nħobbha bħallikieku binti li ħarġet mill-istess ġismi? X'ġejjieni kien hemm għalina? X'ġejjieni konna sa nkunu kapaċi nagħtuha? Min kienet sa tkun? Min konna sa nsiru aħna, jien u Ġużi?

Kollox flimkien: għana tal-Milied, kartolini tal-Milied, awguri tal-Ewwel tas-Sena, ilħna ta' tfal ikantaw, xita nieżla, tfal mitluqin għal riħhom wara l-bibien tal-kunvent tal-patrijiet, il-qastan, *fasten your seat belts*, il-Panettone li kienu jagħtuna tax-xogħol fil-Milied, il-ġelu tal-kejk, it-tarbija fil-maxtura, it-tarbija qed tikber fija, id-demm ftit ftit, is-serbut demm ftit ftit, l-uġigħ, l-uġigħ... U la ħassejt il-pressjoni tal-arja tiżdied u tonqos fl-ajruplan, u la qabadni ġuħ, u la ħassejt id Ġużi tagħfas ma' jdejja... xejn. Mistoqsijiet u tifkiriet waħda wara l-oħra għaddejjin serbut minn moħħi.

U fuq kollox il-mistoqsija kbira li ma setgħet tmur qatt minn quddiemi: Għaliex? Għaliex jien ma kellix inkun bħal ħaddieħor? Għaliex ġismi kien differenti minn

ħaddieħor? Għaliex żewġi kellu jkun differenti minn ħaddieħor? Għaliex? Għaliex? Għaliex irrid lil żewġi għalija? X'inhu dan li qed inħoss ġo fija għalih?

Il-kesħa tal-biża' madwari, f'qalbi. Il-bikja li ma kienx ikolli ħila nibki. Il-ħemda kbira li kont inħoss ġo fija. żewġi kellu kull dritt li jkollu ħajtu kompluta, ikollu l-ulied, issa, kif inhu fil-waqt. U xi dritt kelli jien inwaqqfu? Xi dritt kelli jien norbtu madwari? Xi dritt kelli jien ma ħalliehx isib tarf ix-xewqat ta' qalbu, u ta' dak kollu li dejjem stenna mill-ħajja? La jien ma stajtx naqtagħlu xewqtu, la l-imħabba tiegħi ma kienet qatt tista' tissarraf fi tfal li dejjem ried, kif stajt inħallih marbut miegħi? Xi dritt kellha din qalbi tibqa' tippretendih għaliha biss biss? Għaliex irid jibqa' qribi biss? Għaliex ma kellux ikollu l-ħila jitlaq? Isib mara oħra. Madonna, tregħida rqiqa ta' biża' madwar ġismi kollu. Bard kbir. Tkexkix stramb li kien jikolli ruħi. Inħossu jgerrem lill-istess stonku. Għaliex ma jitlaqnix Ġużi? Għaliex ma jsibx mara li tista' tagħtih l-ulied la jien ma kellix il-ħila nġorrhomlu?

Imbagħad id Ġużi tagħfas ma jdejja. Tagħfas u tagħfas.

U jien nagħfaslu tiegħu fit-taħdita ħiemda li konna ilna nagħmlu għoxrin sena sħaħ. Ukoll jekk ma kien ikun jista' qatt jasal jifhem l-ilwien kollha u l-kruha kollha ta' dak kollu li kien ikun qiegħed għaddej minn moħħi. Kienu ħsibijiet li jgerrmu fija imma li qatt ma tkellimt miegħu.

Kultant niftakar f'dak iż-żmien snin twal ilu meta Ġużi kien jiġi għalija d-dar t'ommi biex immorru niżfnu l-*Overseas* il-Belt. Tiftakruh l-*Overseas*? Ħafna qabel ma nħoloq Paceville kien post popolari fejn jiltaqgħu iż-żgħażagħ, ħafna u ħafna żgħażagħ. Tiftakru kemm kien ikun hemm żgħażagħ biex jidħlu jiżfnu? Tiftakruh il-Milied u l-Ewwel tas-Sena l-*Overseas* il-Belt... Hemm konna nkunu jien u Ġużi, hemm konna nkunu. Imbagħad kien iwassalni d-dar bil-karozza. Jew konna mmorru passiġġata lejn Ta' Xbiex jew Tas-Sliema. Kien jipparkja l-karozza fejn il-lukanda Fortina, hemm ġewwa, fejn jispiċċa x-xatt tal-Gżira, illum tbiddel għalkollox. Fid-daħla ta' Marsamxett. Fuq il-blat iħares lejn il-baħar ta' Marsamxett. Billejl. Bid-dwal safranin ileqqu minn fuq is-swar għal ma' wiċċ il-baħar. Hemm isfel, wara li niżfnu kemm nifilħu konna nimxu id f'id s'hemm isfel jien u Ġużi...

***Sejrin** inġibu tarbija minn barra.*
*Sejrin inwelldu t-tarbija tagħna.*
*Sejrin nagħżlu tarbija.*
*Sejrin naddottaw tarbija.*
*Kien sa jkolli tarbija Malta, imma korrejt fuq l-art maħmuġa tal-kċina...*

Imma issa riesaq il-Milied fuqna. Milied ġdid u sena ġdida. Sena stramba għall-aħħar riesqa fuqna. Sejrin il-Bulgarija nixtru bejbi. Tiftakruha din il-frażi? Ommi hekk kienet tgħidilna. Iz-zija sa tixtri bejbi. Ommi xtrat bejbi. Iz-zija tqila. Il-kelma *pregnant* qatt ma kienet tissemma meta konna żgħar aħna.

Mhux sejrin inwellduha l-isptar. Mhix tarbija li qed issir ġo fija.Imma sejrin għand tal-ħanut. Mhux tarbija li qed tagħti bl-addoċċ fuq żaqqi minn ġewwa biex toħroġ. Mhux tarbija li qed titmattar ġo fija bla sabar li tittawwal 'il barra f'din id-dinja. Mhux laħmi jinqasam fi tnejn ftit ftit qed jistenna u jħabbat bla sabar. Mhux demmi qiegħed jinqasam fi tnejn u qiegħed jistenna ħerqan biex jiġri fil-vini ta' xi ħadd li jgħix għal rasu hawn barra. Mhux sejrin l-isptar biex inħoss il-ferħa tal-weġgħa tal-ħlas li tbikki u tbażża'. Mhux sejra l-isptar biex insib lit-tobba u lin-nersis jilqgħuni u jgħinu nwelled u mhux sa jkun hemm żewġi jżommli rasi u jqawwili qalbi sakemm jitwieled il-wild li ħdimna flimkien u li sar ġo fija, ġo ġismi.

Riesaq żmien mimli misteri għalina. Sejrin nixtru jien u Ġużi, nixtru tarbija tad-demm u l-laħam. *Tale quale*. Kif inhi. Kif Alla bagħatha, hekk qalulna, kif Alla bagħatha. Kif tinzerta. B'kulma jista' jkollha.

U flok tabib li jġebbidli bil-ħlewwa lit-tarbija minn ġo fija dal-Milied kont sa nsib skrivan bil-ġlekk u l-ingravata li jagħtina irċevuta tal-flus. U flok ners bl-ingwanti tal-lastiku li torbot l-għoqiedi fil-kurdun u taqtagħli lil ibni minn miegħi u timsaħ id-dlik kollu duħħan tat-tarbija l-ġdida, ikun hemm l-iskrivana bi dwiefer kollha żebgħa li tiffirmalna l-karti...

Imbagħad għal għarrieda ntbaħt bid-dwal madwari fuq l-ajruplan. Ir-ras tal-mara quddiemi. It-tifel żgħir jaqbeż fuq dirgħajn ommu in-naħa l-oħra. L-għeluq tal-ajruplan. Id-dawl ta' ġewwa. Id-dawl fuqi mimduda wiċċi 'l fuq l-isptar, it-tobba b'wiċċ imbissem madwari. In-ners tqawwili qalbi.

"Tibżax, tibżax..." kien leħenha. "Il-Bambin jibgħatlek tarbija oħra... tibżax... tibżax... għadek żgħira..."

Kien qisu lbieraħ. Qisu għoxrin sena qatt ma kienu għaddew. Kien qisu siegħa ilu.

"Għad ikollok tarbija oħra... issa tara..." Hekk kienu qaluli. Hekk. Ħafna nisa jgħaddu minn dan kollu u jkollhom tarbija, issa tara kif toħroġ tqila ma ddumx.

Jew forsi ż-żmien għadu ġej. Forsi qed inwelled tarbija veru...

Imbagħad kien hemm l-għafsa ta' id Ġużi. Kien hemm il-ħarsa madwari. Kien hemm issa l-ħarsa 'l barra mit-tieqa tal-ajruplan u s-sħab duħħan għaddej madwarna hemm barra. Kien hemm il-ħoss ta' bikja ta' tarbija f'kamra oħra, jew xi mkien 'il bogħod, 'il bogħod, 'il bogħod.

*Sejrin* ***inġibu*** *tarbija minn barra.*
*Sejrin inwelldu t-tarbija tagħna.*
*Sejrin nagħżlu tarbija.*
*Sejrin naddottaw tarbija.*
*Kien sa jkolli tarbija Malta, imma korrejt fuq l-art maħmuġa tal-kċina…*

Għoxrin sena ilu kien ukoll il-Milied, żmien il-Milied, kien għadu kif għadda l-Milied, iżda kien qabel l-Ewwel tas-Sena l-ġdida. Kont tqila. Ferħana sa ntir.

Ħassejt uġigħ kbir, hekk f'daqqa waħda, uġigħ li qatt qabel ma kont ħassejt bħalu. Kont naf li kien uġigħ li kellu x'jaqsam mat-tarbija li kienet qed issir ġo fija. Kemm kelli, erba', ħames xhur… Uġigħ, uġigħ, uġigħ… U tgħawwiġt tnejn mal-art, nokrob u ngħajjat bl-uġigħ li ħassejt.

Meta ħarist lejn l-art kien hemm għadira demm f'daqqa waħda. Fuq iċ-ċeramika tal-kċina. ħafna demm fuq iċ-ċeramika sabiħa tal-kċina. U kien hemm biċċa kbira ċappa kbira bajda u roża fuq iċ-ċeramika. Donnhom biċċtejn imdaħħlin f'xulxin. Dehra li għadha qatt ma telqet minn moħħi. Nibqa' naraha ċara u tonda quddiemi sa ma mmut. Jiena ntbaħt b'kollox. Kont fhimt kollox mill-ewwel. Kont inżilt għarkupptejja quddiem dak li kien hemm hemm fl-art. U bkejt. Bkejt kemm flaħt. Muġugħa. Imbażżgħa nara dak kollu fuq iċ-ċeramika tal-art. Fuq l-art maħmuġa tal-kċina. Nirtogħod.

Rekkint kollox kif stajt, nokrob imwerwra, xi stajt nagħmel? Xi stajt nagħmel? Ressaqt kollox flimkien, frakiet bojod, frakiet żgħar, frakiet kbar fuq l-art maħmuġa.

*Sejrin* ***inġibu*** *tarbija minn barra.*
*Sejrin inwelldu t-tarbija tagħna.*
*Sejrin nagħżlu tarbija.*
*Sejrin naddottaw tarbija.*
*Kien sa jkolli tarbija Malta, imma korrejt fuq l-art maħmuġa tal-kċina…*

Inbżaqt waħdek 'il barra minni, għedt lil dawk il-biċċiet bojod qalb id-demm fuq iċ-ċeramika. Dak kien ibni. Stħajjiltu qiegħed jitkellem miegħi, qiegħed jiċċaqlaq u jħares lejja. Konna jien, hu u missieru biss. Kien ibni dak li kien hemm imħawwad mad-demm f'dak il-Milied li ma ninsa qatt. Jiena u ibni. Ma kienx xortih tajba li jsib imqar baqra ssaħħanlu l-arja, jew ħmara jew ftit tiben, iżda l-qiegħa kiesħa. Ċeramika Taljana mill-isbaħ. Imma kiesħa.

Għaliex ridt titwieled hekk, għedtlu qalbi maqsuma. Għaliex ser tibqa'

ħarstek fuqna, fuqi u fuq missierek, hekk, bħallikieku mgħaddab għalina u la titħarrek u lanqas imqar tipprova tfehimna? Xi stajna nagħmlu aħna? Għaliex qbadt u ħriġt minn ġo fija hekk meta għadek lanqas għaqadt sewwa? Mhux minn rajk qbadt u ħriġt minn ġo fija qabel iż-żmien? Jien u missierek qattajna ljieli sħaħ nibnulek kastelli fl-arja, qattajna sigħat sħaħ nitkellmu fuq wiċċek, fuq il-lewn t'għajnejk, fuq l-isem li sa nagħtuk, fuq ix-xemx li konna lesti nuruk, fuq l-irdumijiet li konna sa nuruk, fuq il-kompjuter li konna sa nixtrulek, fuq ir-rota li kellna f'rasna li sa nixtrulek... fuq il-libsa tal-preċett...

U inti qbadt u ħriġt hekk, kiesaħ u biered qabel l-Ewwel tas-Sena.

Jiena kont ksaħt iċċassata lejn dik iċ-ċappa demm qiegħed jagħqad u għadam imfarrak u bla saħħa u jdejn u saqajn ċkejknin. Naħseb dawk il-biċċiet 'l hemm u 'l hawn kienu sa jkunu jdejn u saqajn. Stajt nara l-forom. Stajt nara l-għamla għadha fil-bidu. Kellimtu bil-ħlewwa lil dak l-iben li kien sa jkollna. Qalb dak li kien hemm fl-art stajt nara fejn kienu d-dirgħajn, stajt nara fejn kienu r-riġlejn. Fejn kienet qed issir ir-ras. Stajt naraha r-ras. Kollox mixħut maċ-ċeramika tleqq kollha disinji. Ftit laħam imfarrak u bla ruħ, mitluq fuq l-art maħmuġa. Bħallikieku r-ruħ lanqas tmiss mal-art ma riedet. Harist għal għarrieda mit-tieqa biex nara fejn kienet din ruħu. Kellux ruħ ġisem hekk ċkejken, fuq kollox. Kinitx ħierġa 'l barra mit-tieqa lil hemm mill-art, lil hemm mill-blat u mix-xagħri u mill-irdumijiet biex taqbad it-triq tal-univers, jew s'issa min jaf fejn kienet ġa waslet f'dak il-ksieħ u dak is-skiet u baħħ iswed, f'dik il-ħemda...

Imbagħad deherli li ċċaqlaq. Deherli li tħarrek. Kont qed nibki bil-mod, nolfoq kemm kemm ninstama'. Ġużi jibki ħdejja. Ġużi fl-art ħdejja.

Fittixt f'moħħi l-għaliex, ridt nistaqsi lil Alla, ridt nistaqsi lil ommi għaliex. Kont lesta li nirranġalu triq tajba quddiemu lil dan ibni kieku jiena, id-dar, l-iskola, inneħħilu kull xewka li jirfes, imma baqa' hemm fl-art, ħdejn is-sieq tas-siġġu fil-kamra tal-ikel fuq iċ-ċeramika tleqq waqt li jien muġugħa nħossni wasalt biex immut.

Ġużi kien beda jġebbidni għal fuq is-sodda, iżda jien ma kontx irrid. Jien bqajt fejn kont, hekk irrid kont għedtlu. U qgħadt nara dak l-iben fid-dawl baxx tiela' mit-taraġ fejn kien hemm il-*Christmas Tree* mixgħula. Qgħadt narah jiddawwal u jiddallam, bħallikieku jiċċaqlaq. Dak il-waqt bħal rajtu jiċċaqlaq erġajt. U għajjatt ferħana, isa, isa, isa, Ġużi, ħaffef, għedtlu, mur għat-tabib, forsi jgħix, forsi jgħix, forsi jgħix...

Imma Ġużi ma ċċaqlaqx, żiegħel bija, kont għajjatt, kont sabbatt kemm flaħt idejja fuq sidru, fuq dahru. Imma Ġużi xengel rasu, żiegħel bija, għat-tabib ma kienx hemm għalfejn imur.

U bqajt inħares lejh, lejn dak il-fdal li ftit qabel kien tarbija qed issir ġo fija. Għaliex ħiemed, għedtlu? Għaliex ma tridx tiċċaqlaq? Missejtu, ħassejt id-demm għadu sħun qiegħed jagħqad fuq iċ-ċeramika lixxa, ħassejt l-għadam, frak iebes, kemm kemm iebes, żliega aktar iebsa mill-bqija, ħassejt il-ġilda u l-laħam abjad, imfarrak, le, mhux imfarrak, imma misluħ, u ma jiċċaqlaqx. Għaliex ma tridx titħarrek? Għaliex tibqa' mkebbeb mgħawweġ fuqek innifsek? Għaliex ma tridx tibki? Għaliex trid tibqa' ċass? Isa Ġużi, isa Ġużi erġajt tlabtu, it-tabib, ċempel lit-tabib ħalli jara x'jista' jagħmillu. U erġajt gerfixt b'subgħajja f'dak li kien hemm fl-art. Kien qiegħed jiksaħ ibni mal-qiegħa, kien qiegħed jiksaħ maċ-ċeramika tal-kċina u geddistu flimkien, ressaqt iċ-ċapep tad-demm flimkien u rġajt kellimtu bħalma omm tkellem iben waqt li qed tbiddillu l-ħarqa fuq is-sodda. Inti ħsieb li ġie u mar, għedtlu. Inti demm għalxejn. Inti għadam li beda jsir għalxejn. Inti mħabba li ssarrfet fix-xejn. Inti ħsieb li ntilef fuq il-madum taċ-ċeramika ħdejn sieq il-mejda tal-ikel. Inti demm li ssarraf fix-xejn fuq iċ-ċeramika ħdejn sieq il-mejda. Imħabba għalxejn, inti mħabba li ma ssarrfitx lura u ntilfet, inħliet għalxejn b'xejn fuq iċ-ċeramika...

Jiena u Ġużi konna fl-art ħdejn xulxin u bejnietna kien hemm dak l-iben li kien ser ikun tagħna t-tnejn imma xi ħadd ma ħalliehx isir, xi ħadd ma ridux isir. U qgħadna ras ma' ras, bit-tarbija mejta bejnietna, imma forsi mhix mejta, forsi twieldet qabel iż-żmien, forsi tgħix, forsi jqegħduha f'inkubatur, forsi jgħinuha tgħix, isa Ġużi, isa, ċempel lit-tabib, isa, ħaffef, isa, taħlix żmien....

U minn barra kien jinstama' l-għana tal-Milied...

### *...flok fil-ħmieġ ta' ftit blatiet...*

Inbżaqt waħdek qabel sirt ja fetu żgħir,
minn ġuf ommok b'ħarstek wieqfa fuqna t-tnejn
tgergir mutu u mgħaddab, u għalxejn
bkejniek ħiemda jien u ommok f'dak il-lejl
ras imb ras waħidna mnikkta, fetu żgħir...
Jien missierek lejl fuq lejl ħassejtek ħaj
tonfoħ sieket ġo ġuf ommok, fetu żgħir...
bnejt għalik kastelli sbieħ għal għada kbir
f'xefaq hieni f'tal-ġejjieni sbieħ ix-xemx
b'moħħ miftuħ bi ħsieb ħieles u għammiel
jgħix fuqani f'ġonna wiesgħa kollha ġmiel.

'Mma m'għoġbokx kenn ġuf ommok fetu żgħir
u bikkejtna ras imb ras fl-eqqel tal-lejl
ħriġt b'kefrija
b'ħarsa mqita
qabel żmienek
u ħrabt tiġri
'l hemm mid-dar lil hemm mill-bliet fid-dlam int tirt
fuq mewġ kaħlan tal-ibħra l-kbar tmellist
mitluf fil-kefen tal-kewkbiet
'il bogħod mill-qalb,
'il bogħod mill-ħsieb,
fl-eternità.

Biż-żerriegħa mikrokożma li ddakkart
f'nefħa ġdida f'ġisem ommok waqt in-nar,
u bil-kilba kollha ġenn ġo qalbha tfur,
sfaw fix-xejn ja fetu żgħir, jaħasra għalxejn...
Għaliex bgħadt ta' ġufha l-kenn, ja bniedem żgħir?

Jiena ksaħt iċċassat lejk qalb ċappa demm
u imriegħed u beżgħan fittixt ġo qalbi
għat-tweġiba, għarrixt ruħi u madwar,
qallibt ħsiebi u xewqati mis-sisien.
Staqsejt 'l ommi tgħidli l-għala inti tlaqt
u 'l missieri f'qiegħ ta' qabar u fis-skiet.
Ġrejt qalb raba' xagħri nfittex tweġibiet
f'Wied Għarbiel u taħt is-Sies, fl-irdumijiet
nibki waħdi għax tlift iben qed isir.
Dħalt fl-imqades, fittixt l-għala għand l-allat,
dħalt fil-kelma fittixt l-għala għand l-għorrief.
U fis-skiet madwari dwew id-dlamijiet:
għala l-fergħa qarsa tinxef, ħawħa tmut?
Għala d-dudu żgħir ġol-fosdqa ħajtu jtemm
u l-blanzun fil-wied, fl-irdum, bla ħjiel jidbiel?

Ħarsti weħlet f'ġismek mgħargħar f'dak id-demm.
Ħsiebi ssammar f'dik il-ħemda dak il-lejl.

Mank taħrika fuq l-irħam.
Mank nifs ċkejken illi tappan ksieħ il-blat.
Għaliex, tennejt, Mulejja għaliex?
Għaliex ja ibni żgħir
mill-ġuf ħriġt
qabel biss sirt?

Forsi ridtni t-triq inwessa' għal riġlejk,
l-art u s-sema nerġa' nsebbaħ għal għajnejk;
*jien bla ħila u bla ħeġġa ma ntbaħt b'xejn...*
Biex tgħix hieni xewka xewka forsi ridt
mill-iġniebi, mill-irkejjen f'dan l-iskoll,
minn ġox-xagħri illi nnaqqi, fetu żgħir;
*jien bla ħila u bla ħeġġa ma ntbaħt b'xejn...*
Għall-ħsieb ħieles ridtni ħotba ħotba
l-qiegħa nwitti tal-iskolli l-mogħdijiet,
fetu żgħir, ridtni nnaddaf tant drawwiet;
*jien bla ħila u bla ħeġġa ma ntbaħt b'xejn...*

Ridt f'kull triq nibnilek maqdes ġo l-imħuħ
mimli fehma f'tal-oħrajn il-qalb, fir-ruħ.
Ridtni nkaxkar ktajjen kbar, ridtni nibki
l-ħin li mar u t-taħwid tax-xejn li sar.

Għidli x'ridt ja wild li mitt, nibqa' nogħroq
qtar id-demm u nġorr slaleb tal-azzar?
Jew inkebbes f'qalb l-oħrajn ġamar ta' nar
tħeġġeġ tħeġġeġ għal ilsienhom lejl u nhar,
u għal ġieħhom kollha qawwa ma' kull nifs?
*Jien bla ħeġġa. Jiena l-agħmi ma jarax.*
*Jien bla ħila. Jiena t-trux li ma jismax.*

Imbagħad ħsadtni b'ħarstek mgħaddba f'tarf il-jum
fetu żgħir, għax minkejja l-wegħdiet fiergħa
mank il-ġnien bil-ward u l-ġmiel ma tajtek jien,
mank ix-xagħri kollha ftuħ u arja tfuħ
jew il-kelma hienja mlissna b'saħħa w sens

ma kelli ħila ntik ja fetu żgħir,
imma griebeġ imħawdin ġol-wied miftuq
binjiet għolja qalb il-blat ta' rdum meqrud
u kelmiet bla ħsieb u qalb fuq fomm kulħadd
fi triq iebsa kollha ħotob, djieq u ħmieġ.

Xi stajt nagħmel fetu żgħir, xi stajt nagħmel
aktar jien f'dad-djieq, għeluq ta' skollijiet?
Għidli s-sewwa ibni żgħir, għidli s-sewwa,
tgħid għalhekk inbżaqt 'il barra dak il-lejl?
U xħin rajtek mgħargħar f'demmek bla taħrik
xħin ġuf ommok tlaqt bla bikja waħda biss
b'ħarstek ċassa ġewwa ruħi tifli l-ħsieb,
bkejna jien u ommok miegħi, iben żgħir,
bkejna mbikkma dmugħ muġugħ b'ħarstek lejna
waqt li barra d-dagħa u l-ħmieġ għadu għaddej
u t-tkissir, qisu f'ruħna mhu jseħħ xej',
u r-riħ ħiemed u ż-żerniq imbagħad l-għabex
xita kiesħa mill-ġdid dlam u jerġa' t-tbiq...
Għidli naqra ibni żgħir, għidli naqra
xi stajt nagħmel ibni żgħir, xi stajt nagħmel
ibni żgħir, la l-oħrajn ma fehmu xej'?
Għaliex m'għedtx mill-bidu nett, *ma rridx insir*?
Għaliex inti, dudu rqajjaq, ġrejt fid-dlam
b'taqtigħ f'qalbek biex l-imħabba f'ħajja trodd?
U għid int, ja fosdqa ġwejda, x'ridt fi ħdanek
tlaqqa' ruħ ma' ġisem żgħir mingħajr twelid?

F'salt ir-ragħad u l-beraq f'ruħi int leħħejt
u f'titbiqa tal-għajnejn, b'bikja ħiemda,
ix-xewk inti lili wrejt li messni flejt;
waqt li l-ħotob ġegħeltni mmiss li xtaqt wittejt.
Merżuq ċkejken xtaqtni nixgħel fetu żgħir,
xaqq imqar ta' dawl madwarna għal li ġej
li ċ-ċpar mgħażżen fuq skoll mejjet forsi jħoll.
Hux tassew dan kollu ridt ja ibni żgħir?
ħarstek f'qalbi għadni nħossha ibni żgħir,

qalbi tibki dak il-waqt li inti tlaqt
għaliex bżajt minn dak li bsart li ġej f'din l-art...
Għalhekk bgħadtu kenn ġuf ommok bniedem żgħir?
Jien missierek kont sa nkun ja iben żgħir,
nurik qalbi, nurik ġmiel li ma jidhirx
għidli mela, minn xiex bżajt u ħrabt 'il hemm?

Inti ħiemed. Inti sieket. Tħares ċass.
Int dud niexef. Inti ħsieb li ġie u mar.
Imbagħad rajt jien b'qalbi fgata u muġugħ
lil missieri minn ġol-qabar qalb iċ-ċpar
ta' Rdum il-Bies, qiegħed jgħarrex ġewwa l-ħsieb
b'ħars ta' ħniena għal fuq ibnu qalb il-blat
iwennisni, jibki miegħi ibnu żgħir...
u smajt f'salt għaliex int tlaqt mistrieħ mar-riħ
u jien waħdi, mbikki waħdi f'qiegħ l-irdum,
u madwari l-misteru ġewwa qalb
f'demgħa sħuna trid teħodha mal-allat
kotranija u missieri minn ġol-qabar
driegħ itawwal biex jixxotta dak id-dmugħ,
jerġa' jkennen, jerġa' jżiegħel b'ibnu żgħir,
u bħal dari lili jfiehem b'leħen sod
l-għala tlaqtli ibni żgħir, l-għala tlaqtli...

*"Ifhem ibni... ibni ifhem,*
*iftaħ moħħok,*
*la tkunx ġifa,*
*la tibkix,"*
qal missieri minn ġol-qabar qalb iċ-ċpar
leħnu jidwi mal-irdum
bħalma dari kien iwissi 'l ibnu żgħir.
*"Alla kien illi xewxu 'l ibnek żgħir...*
*Alla riedu fis-smewwiet*
*flok fil-ħmieġ ta' ftit blatiet...*